MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1169/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Silvain Fosso , ta' 39 sena, bin Kakabi u Djame nee Charlotte, imwieled Bansoa, Cameroon fis-26 ta' Dicembru 1972 u li joqghod f'Miboam, Yaounde, Cameroon, passport no: 01477098**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer f'Novembru, 2012, ghall-habta tas-6.00pm f'Hal-Qormi, bil-hsieb li jwettaq frodi b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi b'eghmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera xi haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta’ hila  jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex inqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, liema reat ma sehhx  minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308 u 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu  u tikkundannah ghal sentejn prigunerija illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A  tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum. .

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ Dok C u Dok D li ghandha ssir mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------